



Brussell, 9 ta' Ottubru 2020
(OR. en)

11721/2/20
REV 2

SOC 608

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 11084/20	
Suġġett:	It-Tisħiħ tal-Protezzjoni tal-Introjtu Minimu għall-Ġlieda Kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali matul il-Pandemija tal-COVID-19 u Lil Hinn Minnha Konklużjonijiet tal-Kunsill (9 ta' Ottubru 2020)

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tisħiħ tal-Protezzjoni tal-Introjtu Minimu għall-Ġlieda Kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali matul il-Pandemija tal-COVID-19 u Lil Hinn Minnha, kif approvati mill-Kunsill permezz ta' proċedura bil-miktub magħluqa fid-9 ta' Ottubru 2020.

**It-Tisħiħ tal-Protezzjoni tal-Introjtu Minim u għall-Ġlied Kontra l-Faqar u l-Esklużjoni
Soċjali matul il-Pandemija tal-COVID-19 u Lil Hinn Minnha**

Konklużjonijiet tal-Kunsill

FILWAQT LI JAGĦRAF li

1. L-Aġenda Strateġika 2019-2024 tal-Kunsill Ewropew tidentifika l-inugwaljanzi bħala riskju politiku, soċjali u ekonomiku kbir u titlob li kulħadd jingħata opportunità. Fid-deskrizzjoni tagħha tat-triq lejn l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Ewropa Soċjali B'saħħitha għal Tranżizzjonijiet Ġusti"¹ tagħmel enfasi fuq it-titjib tal-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni: li ħadd ma jitħalla jaqqa' lura fi żmien ta' bidla jfisser li niġġieldu l-faqar.
2. Minkejja l-miżuri li ttieħdu b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19, il-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi tagħha jiżvelaw u jiggravaw il-vulnerabbiltajiet b'mod drammatiku, b'hekk jiżdied ir-riskju li d-differenzi soċjoekonomiċi fl-Ewropa jikbru². Il-"Pjan Direzzjonali għall-Irkupru", li ntlaga' mill-Membri tal-Kunsill Ewropew, jiddikjara l-ħtieġa li jiġu indirizzati l-konsegwenzi soċjoekonomiċi tal-kriżi. Il-protezzjoni tal-introjti ta' dawk li jtilfu l-impjieg tagħhom, ta' dawk li jsofru tnaqqis jew telf ta' introjtu u ta' dawk li ma għandhomx biżżejjed riżorsi tirrappreżenta sfida kbira. Il-protezzjoni tal-introjtu minimu, akkumpanjata minn servizzi ta' attivazzjoni u ta' abilitazzjoni, taqdi rwol vitali fil-mitigazzjoni tar-riskju tal-faqar u l-esklużjoni soċjali f'din il-kriżi u b'hekk tappoġġa lil dawk l-aktar żvantaġġati fis-soċjetà, kemm issa kif ukoll fil-futur³.

¹ COM(2020) 14 final.

² OECD 2020: COVID-19: Nipproteġu lin-nies u lis-soċjetajiet.

³ ILO 2020: Reazzjonijiet għall-kriżi kkważata mill-COVID-19 fil-qasam tal-protezzjoni soċjali: Reazzjonijiet tal-pajjiżi u kunsiderazzjonijiet ta' politika.

3. Skemi ta' introjtu minimu mhux biss jikkontribwixxu b'mod essenzjali għall-protezzjoni soċjali ta' daww il-gruppi li l-aktar li ntlawt mill-kriżi, iżda għandhom ukoll effett stabbilizzanti fuq id-domanda globali għal oġġetti u servizzi prodotti fl-ekonomija⁴.
4. Il-monitoraġġ tax-xejriet ġenerali għandu t-tendenza li jikkonferma l-importanza tat-tisħiħ tal-protezzjoni tal-introjtu minimu u l-inklużjoni attiva fl-Ewropa. Tul dawn l-aħħar għaxar snin, miljun ta' nies madwar l-Unjoni tneħħew mill-faqar. Madankollu, l-eżitu ma jilħaqx il-mira tal-UE li toħroġ 20 miljun ċittadin mill-faqar sal-2020. Anki qabel ma faqqgħet il-pandemija, b'mod ġenerali, aktar minn wieħed minn kull ħames Ewropej u wieħed minn kull erbat itfal baqgħu f'riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali⁵. Is-sitwazzjoni tal-unitajiet domestiċi b'ġenitur wieħed u tal-persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi (kważi) qiegħda jistħoqqilha attenzjoni speċifika peress li l-vulnerabbiltà tagħhom hija partikolarment għolja. Huma jiffaċċjaw riskju kontinwu ta' faqar⁶ u dawn tal-aħħar jirriskjaw saħansitra li jiżdied il-livell tal-faqar li jinsabu fih. Dan l-iżvilupp juri l-lakuni osservati fil-protezzjoni tal-introjtu minimu madwar l-Ewropa rigward l-adeqwatezza, il-kopertura u l-aċċess għas-servizzi abilitanti⁷. Il-progress fit-tnaqqis ta' dawn il-lakuni matul dan l-aħħar deċennju kien limitat⁸.
5. Il-protezzjoni tal-introjtu minimu għandha titqies bħala parti mis-sistema kumplessiva ta' protezzjoni soċjali nazzjonali: servizzi u benefiċċji soċjali mfassla tajjeb, integrati, adegwati u sostenibbli jipprovdu protezzjoni effettiva għal kulħadd. L-investment fis-sistemi ta' protezzjoni soċjali jwassal għal eżiti soċjali u ekonomiċi siewja fit-tul. Il-protezzjoni soċjali tikkontribwixxi għar-reżiljenza soċjoekonomika, l-iżvilupp tal-kapital uman u opportunitajiet indaqs, b'mod partikolari għat-tfal f'riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali.

⁴ Parlament Ewropew 2010: Studju dwar "Ir-Rwol tal-Protezzjoni Soċjali bħala Stabilizzatur Ekonomiku: Lezzjonijiet mill-Kriżi Attwali."

⁵ https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/t2020_50/default/table?lang=en.

⁶ Eurostat 2020: Rata ta' persuni f'riskju ta' faqar skont il-livell limitu tar-riskju ta' faqar u t-tip ta' unità domestika; Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali 2019: Rapport annwali.

⁷ Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2020, p. 34.

⁸ Parlament Ewropew 2017: Studju dwar Politiki dwar l-Introjtu Minimu fl-Istati Membri tal-UE; Kummissjoni Ewropea (2016): Skemi ta' Introjtu Minimu fl-Ewropa: Studju ta' politiki nazzjonali 2015.

6. Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jenfasizza l-prinċipju li kull min ma jkollux riżorsi suffiċjenti għandu d-dritt għal benefiċċji ta' introjtu minimu adegwati li jiżguraw id-dinjità fl-istadji kollha tal-ħajja, u għal aċċess effettiv għal prodotti u servizzi abilitanti.
7. Għadd ta' miżuri għandhom rwol ċentrali fil-għieda kontra l-inugwaljanza, il-faqar u l-esklużjoni soċjali, jiġifieri: protezzjoni tal-introjtu minimu adegwat ipprovduta permezz tal-assistenza soċjali, skemi tal-introjtu minimu jew skemi oħra, sensiela ta' garanziji għall-protezzjoni soċjali bażika ddefiniti fuq livell nazzjonali għall-persuni li ma setgħux jidħlu jew jerġgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol u li m'għandhom ebda mezz ta' sussistenza. L-għan tagħhom huwa li jtaffu l-faqar fost l-unitajiet domestiċi u li jiżguraw ħajja f'dinjità⁹. Flimkien ma' inċentivi biex daww li jistgħu jaħdmu (jerġgħu) jintegraw is-suq tax-xogħol, kif ukoll aċċess effettiv għal oġġetti u servizzi abilitanti, l-iskemi ta' introjtu minimu jippromwovu l-inklużjoni attiva tan-nies fl-impjiegi u fis-soċjetà. Biex titnaqqas l-espożizzjoni akbar tan-nisa għal sitwazzjonijiet ta' faqar u tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, huwa partikolarment importanti li, flimkien ma' fatturi oħra, jiġu indirizzati l-isfidi li jħabbtu wiċċhom magħhom il-ġenituri waħedhom li jgħaqqdu flimkien ir-responsabbiltajiet tax-xogħol u tal-indukrar, meta wieħed iqis li tmien ġenituri waħedhom minn kull għaxra humana nisa¹⁰.

⁹ Parlament Ewropew 2017 (ara hawn fuq).

¹⁰ Eurostat 2020: Għadd ta' persuni skont is-sess, il-gruppi ta' età, il-kompożizzjoni tal-unità domestika u l-istatus tax-xogħol [lfst_hhindws], l-aħħar data mill-2019.

8. Huwa f'idejn l-Istati Membri li jfasslu u jimplimentaw dispożizzjonijiet nazzjonali li jiżguraw il-protezzjoni tal-introjt minimu. Il-qafas tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-introjt minimu huwa attwalment magħmul mir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 92/441/KEE¹¹, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2008/867/KE, u l-attivitajiet rilevanti ta' monitoraġġ u koordinazzjoni tal-politika fi ħdan is-Semestru Ewropew li huma mirfuda mill-qafas ta' valutazzjoni komparattiva tal-UE dwar il-protezzjoni tal-introjt minimu. L-elaborazzjoni ulterjuri tiegħu tista' tgħin biex jingħalqu l-lakuni li għad fadal fil-protezzjoni tal-introjt minimu. Protezzjoni effettiva tal-introjt minimu fl-Unjoni kollha tista' tgħin biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi u d-disparitajiet soċjali fi ħdan u fost l-Istati Membri, u b'hekk tissaħħaħ il-konverġenza soċjali 'l fuq. Il-ħidma futura fuq il-qafas tal-Unjoni tista' tgħin ukoll biex tissaħħaħ il-funzjoni tal-protezzjoni tal-introjt minimu bħala stabbilizzatur ekonomiku¹² fl-ekonomiji kollha tal-UE, filwaqt li tgħin biex tiġi salvagwardjata d-domanda ekonomika aggregata fi żminijiet ta' kriżi u lil hinn minnhom.
9. Protezzjoni effettiva tal-introjt minimu tinvolvi l-applikazzjoni ta' sett ta' prinċipji ewlenin. Dawn il-prinċipji ġew indirizzati wkoll mir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 92/441, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-inklużjoni attiva tan-nies esklużi mis-suq tax-xogħol¹³ u l-proposti rilevanti tar-Rakkomandazzjoni tal-ILO dwar il-Protezzjoni Soċjali Bażika (2012, Nru 202). B'mod partikolari, il-prinċipji ewlenin huma:
- a. *Aċċess*: Abbażi tal-prinċipju ta' universalità, l-individwi fil-bżonn għandu jkollhom id-dritt għall-aċċess għall-benefiċċji b'mod mhux diskriminatorju u komprensiv. Għandu jiġi żgurat fil-prattika l-aċċess għall-benefiċċji u t-teħid tagħhom, inkluż permezz ta' proċeduri ta' applikazzjoni aċċessibbli u simplifikati u dritt għal appell.

¹¹ 92/441/KEE: Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 1992 dwar il-kriterji komuni rigward ir-riżorsi u l-għajjnuna soċjali suffiċjenti fis-sistemi ta' protezzjoni soċjali, ĠU L 245, 26.8.1992, p. 46–48 (mhux disponibbli bil-Malti).

¹² Parlament Ewropew 2010 (ara hawn fuq).

¹³ Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Ottubru 2008 dwar l-inklużjoni attiva tan-nies esklużi mis-suq tax-xogħol (2008/867/KE), ĠU L 307, 18.11.2008, p. 11-14

- b. *Adegwatezza*: Abbażi tal-prinċipju ta' ħajja f'dinjità, il-ħtiġijiet bażiċi għandhom ikunu koperti minn benefiċċji ta' introjtu minimu b'mod adegwat filwaqt li jitqiesu l-istandards tal-ġhajxien u l-livelli tal-prezzijiet jew il-linji nazzjonali tal-faqar fl-Istat Membru kkonċernat. Il-ħtiġijiet għandhom jiġu vvalutati permezz tal-applikazzjoni ta' metodi konsistenti u trasparenti; l-aġġustament tal-benefiċċji għandu jkun regolari u marbut ma' indikaturi adegwati. Għandha tingħata kunsiderazzjoni adegwata lill-kompożizzjoni tal-unitajiet domestiċi u l-ħtiġijiet individwali speċifiċi, pereżempju d-diżabbiltà, l-indukrar tat-tfal jew il-kura fit-tul.
- c. *Aspetti Abilitanti*: Abbażi tal-prinċipju ta' inklużjoni attiva, il-protezzjoni tal-introjtu minimu għandha tinvolvi l-ġħoti ta' servizzi abilitanti ta' kwalità tajba. Għal dawk li jistgħu jaħdmu, għandhom jiġu pprovduti inċentivi għax-xogħol u politiki attivi tas-suq tax-xogħol adegwati bħall-kollokament u t-taħriġ. Firxa wiesgħa ta' servizzi soċjali bħal pariri, inklużi pariri legali, u informazzjoni dwar l-appoġġ disponibbli, assistenza u konsulenza adegwati għandha tikkomplementa l-iskemi biex jiżguraw is-sensibilizzazzjoni effettiva tagħhom u l-ġħoti ta' appoġġ għal kulħadd.

10. Is-Semestru Ewropew jikkontribwixxi b'monitoraġġ u koordinazzjoni tal-politika siewja permezz tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi, ir-Rapporti tal-Pajjiżi u r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż bil-għan li tittejjeb l-effettività tal-protezzjoni tal-introjt minimu. Abbażi tal-monitoraġġ fil-livell tal-UE, il-qafas ta' valutazzjoni komparattiva żviluppat mill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali dwar l-adeqwatezza, l-eliġibbiltà u l-attivazzjoni fil-qasam tal-introjt minimu jipprovdi punt ta' referenza importanti f'dak ir-rigward. Għal żviluppi futuri tal-qafas ta' monitoraġġ f'dan il-qasam, ikun tajjeb li ssir aktar ħidma dwar il-għbir ta' informazzjoni komparabbli u ta' kwalità għolja, kemm kwalitattiva kif ukoll kwantitattiva, filwaqt li jitqiesu kif xieraq il-politiki diversifikati għall-protezzjoni tal-introjt minimu fl-Istati Membri.
11. L-evalwazzjonijiet¹⁴ juru riżultati mħallta jew saħansitra relattivament insinifikanti fl-implimentazzjoni tal-gwida ta' politika pprovduta mir-Rakkomandazzjoni dwar kriterji komuni li jikkonċernaw riżorsi u assistenza soċjali suffiċjenti fis-sistemi ta' protezzjoni soċjali u r-Rakkomandazzjoni dwar l-inklużjoni attiva tan-nies esklużi mis-suq tax-xogħol. Dan jissottolinja l-ħtieġa għal aktar azzjoni.
12. Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Ottubru 2017¹⁵ tistieden lill-Istati Membri kollha biex jintroduċu skemi adegwati ta' introjt minimu, filwaqt li tenfasizza r-rwol tal-protezzjoni tal-introjt minimu bħala għodda biex jiġġieldu l-faqar. B'mod simili, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew jappella għal azzjoni dwar il-protezzjoni tal-introjt minimu fl-opinjoni tiegħu tal-20 ta' Frar 2019¹⁶.

¹⁴ Rapport mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni 92/441/KEE tal-24 ta' Ġunju 1992 dwar kriterji komuni li jikkonċernaw riżorsi u assistenza soċjali suffiċjenti fis-sistemi ta' protezzjoni soċjali, COM/98/0774 finali (mhux disponibbli bil-Malti); Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-2008 dwar l-inklużjoni attiva tan-nies esklużi mis-suq tax-xogħol, SWD(2017) 257 final (mhux disponibbli bil-Malti).

¹⁵ Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Ottubru 2017 dwar il-politiki dwar l-introjt minimu bħala għodda biex jiġi ttrattat il-faqar (2016/2270(INI)).

¹⁶ Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-20 ta' Frar 2019, SOC/584-EESC-2018.

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

JISTIENEN lill-Istati Membri biex:

13. JISTINKAW BIEK JIŻGURAW li l-iskemi nazzjonali tagħhom ta' protezzjoni tal-introjt minimu jissodisfaw ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Unjoni u tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, huma aċċessibbli u adegwati, u jippermettu l-inklużjoni soċjali u fis-suq tax-xogħol tal-benefiċjarji;
14. JINVOLVU RUĦHOM mal-partijiet ikkonċernati bħall-awtoritajiet rilevanti inklużi l-korpi lokali u reġjonali, is-sħab soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u, fejn xieraq, man-nies li jesperjenzaw il-faqar fl-iżvilupp, l-aġġornament u l-implimentazzjoni tal-iskemi rispettivi;
15. JEŻAMINAW bħala parti mill-evalwazzjonijiet regolari, il-funzjonament u l-adeqwatezza tal-iskemi ta' protezzjoni tal-introjt minimu għall-mitigazzjoni tal-konsegwenzi soċjoekonomiċi negattivi tal-kriżi tal-COVID-19 kif ukoll għall-appoġġ għall-inklużjoni soċjali u fis-suq tax-xogħol u, fejn meħtieġ, JIDDEFINIXXU u JIMPLIMENTAW miżuri biex itejbu l-effettività tagħhom kemm f'perijodu qasir kif ukoll fit-tul;
16. JAGĦMLU SFORZI biex jipprovdu informazzjoni lill-persuni li potenzjalment jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' eliġibbiltà stabbiliti fuq livell nazzjonali dwar id-drittijiet tagħhom għall-protezzjoni tal-introjt minimu; IĦEĠĠU lil dawn il-persuni biex japplikaw għal benefiċċji f'flus kontanti jew *in natura* u biex jieħdu l-benefiċċji rispettivi flimkien ma' servizzi ta' attivazzjoni u servizzi abilitanti; u
17. JIĠBRU data diżaggregata skont is-sess biex jimmonitorjaw u jivvalutaw il-politiki għall-protezzjoni tal-introjt minimu u l-effetti tagħhom, u JAPPOĠĠAW lill-Kummissjoni Ewropea, lill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali u lill-Kumitat tal-Impjiegi fit-tnejn ta' rapport perijodiku dwar l-iżvilupp tal-protezzjoni tal-introjt minimu fost l-oħrajn billi jipprovdu informazzjoni u data dwar indikaturi ewlenin għall-aċċess, l-adeqwatezza u l-aspetti abilitanti.

JISTIEDEN lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni Ewropea, f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tagħhom, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi nazzjonali u l-mudelli differenti tas-suq tax-xogħol, biex:

18. JAĦDMU FLIMKIEN biex jimplimentaw il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, u biex jimpenjaw ruħhom biex jindirizzaw id-distakki li fadal fil-protezzjoni tal-introjt minimu fil-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali;
19. ISAĦĦU l-aspetti tal-impjiegi u dawk soċjali fi ħdan is-Semestru Ewropew bħala koordinazzjoni għall-politika ekonomika, tal-impjiegi u soċjali fir-rigward tal-protezzjoni tal-introjt minimu, u JIPPROVDU rakkomandazzjonijiet ta' politika rispettivi li jieħdu perspettiva fit-tul u jibbilanċjaw il-ħtiġijiet ekonomiċi, fiskali, dawk tal-impjiegi u tal-politika soċjali.
20. ISAĦĦU l-iskambju tal-aħjar prattiki, in-netwerking tal-punti ta' kuntatt nazzjonali għall-assistenza bejn il-pajjiżi u t-tagħlim reċiproku fl-iżvilupp ulterjuri tal-protezzjoni tal-introjt minimu fil-livell nazzjonali u reġjonali inkluż fi ħdan in-Netwerk għall-Introjt Minim (MINET) bħala forum tekniku tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali; u
21. JAGĦMLU L-AĦJAR UŻU mill-appoġġ immirat mill-fondi disponibbli tal-UE, b'mod partikolari l-Fond Soċjali Ewropew Plus u l-istrument għall-rkupru Next Generation EU għall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol kif ukoll biex jiġi indirizzat il-faqar.

JISTIEDEN lill-Kummissjoni Ewropea, skont il-kompetenzi tagħha kif stabbiliti fit-Trattati, biex, filwaqt li tiegħu kont debitu taċ-ċirkostanzi nazzjonali,:

22. TAGĦTI BIDU għal aġġornament tal-qafas tal-Unjoni biex jiġu appoġġati u kkomplementati b'mod effettiv il-politiki tal-Istati Membri dwar il-protezzjoni tal-introjt minimu nazzjonali.

JISTIEDEN lill-Kummissjoni, lill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali u lill-Kumitat tal-Impjiegi, skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom, biex, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi nazzjonali,:

23. JIŻVILUPPAW AKTAR il-valutazzjoni komparattiva eżistenti tal-UE fil-qasam tal-protezzjoni tal-introjt minimu sabiex jiġi ffaċilitat il-monitoraġġ tal-prestazzjoni u jiġi appoġġati l-lievi tal-politika fit-tliet dimensjonijiet ewlenin tal-protezzjoni tal-introjt minimu, jiġifieri l-adegwatezza, l-aċċess u l-ġhoti ta' servizzi abilitanti, inklużi dawk li jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol; u
24. IĦEJJU perjodikament rapport konġunt biex jiġi analizzat u rieżaminat il-progress miksub fl-iżvilupp tal-protezzjoni tal-introjt minimu fl-Istati Membri, li jibni fuq il-qafas ta' valutazzjoni komparattiva għall-protezzjoni tal-introjt minimu stabbilit fil-livell tal-UE. Ir-rapport għandu janalizza, b'mod empiriku, ir-rwol tal-protezzjoni tal-introjt minimu fl-appoġġ għall-impjiegi u l-indirizzar tal-faqar kif ukoll l-inugwaljanzi tal-introjt u l-opportunitajiet għalih, inklużi aspetti tal-inugwaljanza bejn is-sessi. Ir-rapport għandu jkopri l-applikazzjoni tad-dimensjonijiet tal-aċċess, l-adegwatezza u l-aspetti abilitanti tal-protezzjoni tal-introjt minimu. Dan għandu janalizza wkoll il-potenzjal tal-protezzjoni tal-introjt minimu li tistabbilizza l-ekonomija u s-soċjetà fi żminijiet ta' tnaqqis fir-ritmu ekonomiku, flimkien ma' miżuri oħra ta' appoġġ għall-impjiegi u ta' protezzjoni soċjali.